**QORTI TAL-MAĠISTRATI - MALTA**
**MAĠISTRAT DR. LEONARD CARUANA LL.D., M.A. (FIN. SERV)**

Avviż Nru 278/2021 LC

**NATHAN JOHN ALAKKAD**
**(K.I. 524496M)**

vs

**MASSIMO ALAKKAD**
**(K.I. 238273M)**

Illum, 17 ta' Jannar, 2024

Il-Qorti;

Rat l-Avviż ta' Nathan John Alakkad fejn għar-raġunijiet hemm premessi u infraskritti, talab lil din il-Qorti:

(1) Tiddikjara illi l-konvenut huwa debitur tal-esponent fl-ammont ta' tmint elef ewro (8,000) rappreżentanti self li sar mill-awtur lill-konvenut fis-sena 2019, liema somma l-konvenut naqas li jirrifondi lura lill-attur minkejja diversi interpellazzjonijiet; u

(2) Konsegwentement tikkundanna lill-konvenut iħallas lill-esponenti l-imsemmija somma ta' tmint elef ewro (8,000).

Bl-ispejjeż u bl-imgħax legali kontra l-konvenut li minn issa huwa nġunt in subizzjoni.

Rat ir-risposta ta' Massimo Alakkad, fejn eċċepixxa illi:-

1. Illi preliminarjament ir-rikorrenti Nathan John Alakkad, qatt ma sellef ebda flejjes lil missieru l-intimat, iżda sempliċiment investa s-somma ta' sebat-elef ewro (7,000) (u mhux dik ta' tmient elef (8,000)) u dan għal ġestjoni ta' bar li kelli jiġi ġestit flimkien ma' missieru, u kwindi l-istess intimat ma għandu jkun ordnat irodd xejn lura lil ibnu r-rikorrenti lura, u dan peress li huwa qatt ma rċieva xejn mingħandu;

2. Illi t-talbiet tar-rikorrenti huma għalhekk infondati fil-fatt u fid-dritt, u jimmeritaw li jiġu respinti u dan kif se jirriżulta aħjar waqt it-trattazzjoni tal-istanti, senjatament mix-xhieda prodotti;

3. Illi a kuntrarju ta' dak sottomess mir-rikorrenti, fil-fatt, huwa l-istess rikorrenti li huwa debitur tal-intimat, u dan wara illi l-istess intimat isellef somma flus mill-Bank, proprju biex jgħin lil ibnu, liema somma għadha sa llum qatt ma ġiet saldata;

4. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Semgħet ix-xhieda;

Rat id-dokumenti kollha eżebiti;

Semgħet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkonsidrat;

Illi mix-xhieda tar-rikorrenti jirriżulta illi l-intimat jiġi missieru u r-relazzjoni tagħhom ma kienitx waħda b'saħħitha. Filfatt kien ilhom ma jitkellmu żmien twil iżda f'xi żmien fl-2019 reġgħu bdew jitkellmu. Qal li l-intimat kien qed ifittex li jiftaħ *business* u ħa ħanut tal-kumitat tal-każin tal-Partit Laburista tal-Ħamrun biex jiftħu bħala *take-away* tal-ikel. Ir-rikorrenti huwa *chef* u l-intimat avviċinaħ sabiex jidħlu għaliħ flimkien bil-ftehim li r-rikorrenti jimmaniġġja l-ħanut, jimmaniġġja l-kċina u jieħu l-paga. Qal li hu kien imur hemmhekk diversi ġranet biex jgħin lill-intimat. Wara ftit l-intimat kien avviċinaħ u qallu biex jgħinu finanzjarjament għax ma kienx qed ilaħħaq mal-ispejjeż tax-xogħolijiet peress li ħaduħ ġebel u saqaf. Ir-rikorrenti kien taħ xi ħaġa tal-flus u dan anke bl-għajnuna tat-tfajla tiegħu. Qal li wara ftit, l-intimat avviċinaħ u ppropona li minflok jitħallas lura l-flus jaraw kull wieħed minnhom x'ħareġ, imorru quddiem nutar u jieħdu persentaġġ mill-qliegħ *pro rata* skont kemm nefqu rispettivament. Qall li qatt ma marru għand nutar. Meta waslu biex kważi jiftħu l-ħanut, ir-rikorrenti kellu xi diżgwid mas-*supplier* tal-ikel li kien se jkollhom, ċioè l-"JJ's" u l-intimat waqqaf il-kuntatt miegħu. Dan kien lejn l-aħħar tal-2020.

Ir-rikorrenti qal li hu pprova diversi drabi jikkomunika mal-intimat sa' April 2021 iżda kien għal xejn. Qal li darba minnhom mar fir-residenza tal-intimat fejn l-intimat qallu "lilek m'għandix xi ngħidlek". Hu kkonferma li b'kollox sellfu s-somma ta' €8,000. Ir-rikorrenti ppreżenta xi messaġġi fejn fl-20 ta' Ottubru 2020 l-intimat saqsieħ għaċ-ċwievet tal-ħanut u tal-karozza.

Sadanittant, jirriżulta wkoll mix-xhieda tar-rikorrenti illi huwa kellu bżonn jissellef somma flus mill-bank sabiex ikun jista' jittermina *business* li kellu preċedentement u għal dan is-self daħal bħala garanti l-intimat bil-għan li r-rikorrenti juża parti minn dan is-self biex jissalda xi dejn li kellu mill-*business* preċedenti u l-intimat jieħu 'l bqija tas-somma.

Xehdet ukoll omm ir-rikorrenti Jacqueline Borg fejn qalet illi r-rikorrenti kien issellef €25,000 mill-bank sabiex iħallas dejn fuq *business* li kellu preċedentement u li l-intimat kienu għenu jissellef billi daħal garanti. Qalet li l-intimat xtaq li r-rikorrenti jgħinu fil-ħanut u wkoll li r-rikorrenti sellfu madwar €8,000. Qalet li xtaqet tibqa' barra minn dan in-negozju.

Xehdet Christabelle Zammit fejn qalet illi dak iż-żmien hija kienet it-tfajla tar-rikorrenti u li għall-bidu tas-sena 2020 l-intimat kien avviċina lir-rikorrenti biex issellfu xi flus bil-għan li jiftaħ negozju. Qalet li wara li r-rikorrenti sellfu l-flus, l-intimat ħareġ bl-idea li minflok jitħallas lura jibda' jieħu persentaġġ mill-profitti tal-ħanut. Qalet li ġieli semgħet diskussjonijiet bejn ir-rikorrenti u l-intimat u l-intimat darba minnhom qallu li għall-ewwel tlett snin ma kienx se jkollu profitt kbir peress li aktar ma jgħaddi żmien, aktar ikun hemm profitt. Qalet li kienet tmur tgħin ukoll fix-xogħolijiet u l-intimat anke offrielha li taħdem fuq bażi part-time. Peress li kien hemm il-COVID-19 ix-xogħol ikkalma però kollox kien lest biex sa l-aħħar tas-sajf 2020 il-ħanut jiftaħ. Qalet li bejn Ġunju u Lulju 2020 b'kollox għaddiet is-somma ta' €4,180 lir-rikorrenti biex jgħaddiha lill-intimat. Qalet li b'kollox, ir-rikorrenti għadda s-somma ta' €8,000 lill-intimat. Qalet li lejn l-aħħar tal-2020 l-intimat qata' l-kuntatt mar-rikorrenti u minkejja li dan pprova kemm-il darba jikkomunika miegħu, l-intimat kien jaqtagħlu.

Xehdet ir-rappreżentata tal-Partit Laburista li kkonfermat illi l-ħanut kien mikri lill-intimat waħdu sa mill-20 ta' Jannar 2020.

Ili fix-xhieda tiegħu, l-intimat qal illi oriġinarjament, il-proġett kellu jkun bejnu u bejn persuna oħra, senjatament tal-"JJ's" li mingħandu kellu jieħu x-xogħol. Qal li l-kumitat tal-Partit Laburista ried li din il-propjetà tinkera għall-finijiet ta' *catering* u rebaħ it-tender hu. Qal li

l-proġett kien li jieħu l-branding ta' "JJs" u jbiegħ ix-xogħol tal-"JJs" stess minn dan it-*takeaway*.

Bdew bix-xogħolijiet, hu u tal-"JJ's" biex jikkonvertu l-ħanut fl-istandards tal-"JJ's". L-ispejjeż kien qed joħroġhom hu. X'ħin waslu fin-nofs tagħhom daħal ir-rikorrenti fl-istorja. Peress li l-kuntratt tal-kera tal-ħanut ġie ffirmat qabel, ir-rikorrenti ma setax ikun firmatarju fuqu. Ried li r-rikorrenti jgħinu fil-*business* u l-pjan kien li r-rikorrenti jieħu ħsieb it-tisjir, jieħu ħsieb il-kċina filwaqt li l-intimat jieħu ħsieb it-tmexxija kummerċjali tal-ħanut u r-relazzjoni mal-"JJ's". Lir-rikorrenti kien se jħaddmu miegħu *full-time*.

Qal li r-rikorrenti kien imur jgħin *on and off* u kien ġieli jisparixxi u ma jersaqx 'l hemm. Il-ftehim kien li r-rikorrenti jkollu sehem mill-*business* skont kemm jinvesti flus. Qal li darba kienu qed jiddiskutu r-rikorrenti deher li kien ferventi u kellu l-pjanijiet, b'hekk l-intimat offrielu li jidħol bi sħab miegħu. Ir-rikorrenti aċċetta u ftehmu li skont ma jinvesti, kien se jkollu persentaġġ mill-qliegħ. Qal li r-rikorrenti daħal bi sħab b'sebat' elef Ewro. L-intimat qal li b'rabta ma dan il-każin hu ma ssellifx flus. Qal li sussegwentement qatgħu l-kuntatt bejniethom iżda darba r-rikorrenti mar id-dar tiegħu jitolbu l-flus lura u l-intimat kellu jsejjaħ għall-intervent tal-pulizija. Skontu, r-rikorrenti għamillu ħafna ħsara mas-supplier tiegħu "JJ's". Filfatt, waqt li kienu qed isiru x-xogħolijiet, ir-rikorrenti kien qed jaħdem ma "JJ's" biex jitgħallem ix-xogħol u kien hemm drabi fejn lanqas mar għax-xogħol u dan mingħajr pre-avviż. L-intimat beda jibża' li kien se jagħmillu l-istess u ma baqax' jafdaħ. Di più, is-sid tal-"JJ's" kien wera miegħu li m'għandux pjaċir jaħdem mar-rikorrenti.

Qal li Nathan ma baqax imur jgħin u ntilef il-kuntatt. Imbagħad ir-rikorrenti sar aggressiv u anke mar wara daru jħabbat xi darbtejn. L-intimat kompla jgħid li l-ħanut qatt ma nfetaħ għal diversi raġunijiet, fosthom il-pandemija tal-COVID-19 li tefgħet ix-

xogħolijiet lura, tiswija strutturali li nqalgħet wara li lestew ħafna xogħolijiet u anke dan it-telf ta' fiduċja fir-rikorrenti. Il-kirja kellu jtemmha hu u anke radd lill-Partit Laburista parti mill-kirja. Qal li ma nformax lir-rikorrenti b'dan għaliex kien tilef il-kuntatt sa dak iż-żmien

Qal illi x-xhud Jacqueline Borg qatt ma sar diskors dwar dan il-business quddiemha u qatt ma semgħathom jitkellmu. Dwar id-dejn preċedenti, qal li r-rikorrenti ssellef is-somma ta' €25,000 mill-bank u li hu kien biss garanti għalihom. Ċaħad li ħa xi ħaġa minn dawn il-flus.

Ikkonsidrat;

Illi f'dan il-każ, huwa paċifiku bejn il-kontendenti illi l-intimat kien se jiftaħ business u għal dan il-business huwa avviċina lil ibnu, r-rikorrenti, sabiex jassistieħ. Huwa paċifiku li l-inimtat kera l-lok ta' fejn kien se jitħaddem il-business u li bdew xogħolijiet ta' mmodernizzar fl-istess ambjenti. Huwa paċifiku wkoll li għall-bidu, l-idea kienet li r-rikorrenti ikun sempliċi impjegat iżda eventwalment ġriet l-idea li r-rikorrenti jidħol bi sħab.

Li mhux paċifiku, madanakollu hija l-*quantum* tas-somma li għaddiet bejn ir-rikorrenti u l-intimat u t-titolu li bihom ingħaddiet. Filfatt, ir-rikorrenti jgħid li għaddielu s-somma ta' tmint' elef Ewro bħala self brevi manu filwaqt li l-intimat jgħid li s-somma kienet ta' sebat' elef Ewro u kienet investiment li għamel ir-rikorrenti f'dan il-proġett. Li mhux paċifiku wkoll huwa l-*puncto temporis* ta' meta feġġet l-idea li r-rikorrenti jidħol bi sħab mal-intimat.

Ikkonsidrat;

Illi l-kunflitt ta’ provi u verżjonijiet m’hijiex xi ħaġa ġdida quddiem dawn il-qrati u filfatt, ġie ritenut fis-sentenza **George Bugeja vs Joseph Meilak**[1] illi:

> *“Jinsab ravvisat fid-decizjoni fl-ismijiet “Farrugia vs Farrugia”, deciza minn din il-Qorti fl-24 ta’ Novembru, 1966, li “il-konflitt fil-provi huma haga li l-Qrati jridu minn dejjem ikunu lesti ghaliha. Il-Qorti ghandha tezamina jekk xi wahda miz-zewg versjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibilita’ u specjalment dawk tal-konsistenza u verosimiljanza, ghandhiex teskludi lill-ohra, anke fuq il-bilanc tal-probabilitajiet, u tali preponderanza tal-provi, ghax dawn, f’kawzi civili, huma generalment sufficjenti ghall-konvinciment tal-gudikant”.*
>
> *Fil-kamp civili ghal dak li hu apprezzament tal-provi, il-kriterju ma huwiex dak jekk il-gudikant assolutament jemminx l-ispjegazzjonijet forniti lilu, imma jekk dawn l-istess spjegazzjonijiet humiex, fic-cirkostanzi zvarjati tal-hajja, verosimili.*
>
> *Dan fuq il-bilanc tal-probabilitajiet, sostrat baziku ta’ azzjoni civili, in kwantu huma dawn, flimkien mal-proponderanza tal-provi, generalment bastanti ghall-konvinciment. Ghax kif inhu pacifikament akkolt, ic-certezza morali hi ndotta mill-preponderanza tal-probabilitajiet. Dan ghad-differenza ta’ dak li japplika fil-kamp kriminali fejn il-htija trid tirrizulta minghajr ma thalli dubju ragjonevoi.*
>
> *Kif kompla jinghad fl-imsemmija kawza “Farrugia vs Farrugia”, “mhux kwalunkwe tip ta’ konflitt ghandu jhalli lill-*

[1] **George Bugeja vs Joseph Meilak**, 30 ta’ Ottubru 2003, Qorti Ċivili, Prim’ Awla (Ċitazz Nru 462/2002/1)

*Qorti f'dak l-istat ta' perplessita' li minhabba fih ma tkunx tista' tiddeciedi b'kuxjenza kwieta u jkollha taqa' fuq ir-regola ta' in dubio pro reo".*

Illi di più, fis-sentenza **Emanuel Ciantar vs David Curmi noe**[2] ġie ritenut illi:-

*"Tajjeb li qabel xejn jigi puntwalizzat il-principju illi l-piz tal-prova huwa mixhut fuq min jafferma fatt, u mhux fuq min jinnegah....*

*...B'danakollu f'kawza civili d-dolo jista' jigi stabbilit anke permezz ta' presunzjonijiet u ndizji, purke s'intendi jkunu serji, precizi u konkordanti, b'tali mod li ma jhallu l-ebda dubju f'min hu imsejjah biex jiġġudika;"*

Illi jirriżulta li r-rikorrenti qiegħed jibbaża t-talbiet tiegħu fuq self brevi manu ta' €8,000 li huwa għadda lil-intimat waqt li kienu qed iħejju għall-ftuħ tal-business ta' *take-away*. Illi f'dan ir-rigward, ġie ritenut fis-sentenza **Perit Ondre` Camilleri vs Leslie Corney et**[3] illi:

*"bhal kull kuntratt iehor, kif dejjem jista' jkun wiehed car u specifiku, jista' jkun ukoll dezunt mill-provi cirkostanzjali li ma jhallu l-ebda dubbju f'mohh il-gudikant x'kienet il-volonta kontrattwali tal-partijiet invokata fin-negozju".*

Ikkonsidrat;

Illi fil-każ *de quo,* il-provi prodotti minn entrambi l-partijiet huma skansi ħafna u aktar ibbażati fuq il-verżjonijiet orali mogħtija kemm

---

[2] **Emanuel Ciantar vs David Curmi noe, Qorti Ċivili, Prim' Awla,** 28 ta'April 2003, (Ċitazz Nru 153/1994/2) kif ikkonfermata mill-Qorti tal-Appell fid-19 ta' Ġunju 2006.

[3] **Perit Ondre` Camilleri vs Leslie Corney et**, Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) 27 ta' Ottubru, 2000.

mill-partijiet kif ukoll mix-xhieda prodotti ħlief għal ftit *screenshots* ta' messaġġi, kopja ta' kont bankarju ta' Christabelle Zammit u l-kuntratt tal-kera relevanti.

Illi fid-dawl ta' dawn il-provi skansi, il-Qorti sejra tgħaddi sabiex tagħmel evalwazzjoni taċ-ċirkostanzi li jdawwru din il-vertenza u r-relazzjoni ta' bejn il-kontendenti.

Ikkonsidrat;

Illi jirriżulta indiskuss mill-provi prodotti li l-intimat huwa missier ir-rikorrenti u li tul is-snin huma kellhom relazzjoni dgħajfa ħafna u l-kuntatt bejniethom reġa' sar meta r-rikorrenti kellu bżonn jissellef il-flus sabiex jaqta' dejn li kellu marbut mal-business preċedenti. Filfatt dan hu kkonfermat kemm mir-rikorrenti kif ukoll minn ommu Jacqueline Borġ fix-xhieda tagħhom. Illi da parti tiegħu, fix-xhieda tiegħu l-intimat jgħid li qabel ma bdew dan il-proġett hu kien jara r-rikorrenti bħala li dejjem kien instabbli u ma setax isib xogħol. Qal li dejjem ra li ibnu kien jixtieq illi jkollu xi ħaġa għal rasu u ried isib lil xi ħadd illi jkun hemmhekk u jamministra t-*takeaway* hu. L-intimat ikompli jgħid li hu ried lir-rikorrenti għaliex ried lil xi ħadd li jafda f'dan il-*business* u pprefera jafda lilu peress li ma kienx se jafda nies barranin.

Illi l-Qorti ssib din l-ispjega bħala inverosimili. F'qafas ta' relazzjoni familjari dgħajfa u f'qafas fejn l-intimat *ex admissis* kien jaf li r-rikorrenti huwa nstabbli fix-xogħol, ma tagħmilx sens li l-intimat jafda tali persuna fit-tmexxija waħdiena ta' dan il-*business*. Huwa veru li l-istess intimat kien se jkun preżenti wkoll, fuq bażi *part-time* fit-tmexxija tal-ħanut iżda huwa ċar li t-tmexxija ġornaljera kienet se tkun f'idejn ir-rikorrenti. Filfatt, aktar tard fix-xhieda tiegħu l-intimat jibda' jixhed dwar l-inaffidabilità tar-rikorrenti u li ma riedx jaħdem

miegħu għax kien qed joħloqlu ħafna problemi u lanqas għadhom kienu fetħu.

Illi fid-dawl ta’ dan, il-Qorti ssibha diffiċli temmen il-verżjoni tal-intimat li l-ħsieb kien sa mill-bidu li jdaħħal lir-rikorrenti bħala sħab miegħu meta ma rriżultax li kien hemm biżżejjed maturità fir-relazzjoni ta’ bejniethom sabiex jibni l-fiduċja meħtieġa għat-tmexxija ta’ *business* kif qed ipinġiha l-intimat.

Illi din il-posizzjoni tal-Qorti hija rassodata wkoll mill-għemil tar-rikorrenti kif deskritta mill-istess intimat. Filfatt, l-intimat jiddeskrivi li r-rikorrenti kien assenti ħafna meta kienu qed jirranġaw il-post u filfatt jistma’ li b’kollox għamel madwar 20 siegħa xogħol. Illi din l-attitudni kif deskritta mill-intimat m’hijiex verosimili ma attitudni ta’ bniedem li “investa” eluf ta’ Ewro f’business biex imbagħad jabbandunaħ f’daqshekk qasir żmien. Il-buon sens jirrikjedi li b’investiment relattivament sostanzjali, r-rikorrenti jagħti kontribut siewi u regolari sabiex l-investiment jirnexxi u jgawdi l-profitt.

Illi l-Qorti qieset ukoll li mix-xhieda ta’ Jacqueline Borg u ta’ Christabelle Zammit, liema xhieda ma ġewx kontro-eżaminati, jirriżulta li d-diskors tar-rikorrenti magħhom minn dejjem kien li s-somma mogħtija hija b’self. Għalkemm din ix-xhieda tammonta għal *detto del detto* fir-rigward ta’ dak mifiehem bejn ir-rikorrenti u l-intimat, din ix-xhieda hija prova ta’ l-intendiment li kellu f’moħħu r-rikorrenti kif qasmu magħhom.

Illi fid-dawl ta’ dak hawn espost, il-Qorti hija propensa aktar li temmen il-verżjoni tar-rikorrenti li s-somma li ngħatat hija b’titolu ta’ self, aktar milli investiment fil-business kif qed jipprospetta l-intimat. Għalkemm jirriżulta l f’xi ħin sar diskors fejn is-somma tkun bħala investiment, aktar milli self, il-Qorti temmen li tali diskors sar wara li

r-rikorrenti għadda s-somma u ma jirriżultax mix-xhieda tar-rikorrenti aċċetta tali proposta.

Ikkonsidrat;

Illi stabbilit dan, imiss issa li jiġi determinat il-*quantum* tas-somma msellfa. Minkejja li t-talba tar-rikorrenti hija versu s-somma ta' tmint' elef Ewro, il-provi dokumentarji miġjuba minnu huma biss fl-ammont ta' €4,180. Da parti tiegħu, l-intimat jistqarr illi s-somma mgħoddija lilu hija ta' sebat' elef Ewro. B'hekk fuq l-iskorta ta' din l-ammissjoni, il-Qorti ser tagħti l-benefiċċju lill-intimat fir-rigward tal-*quantum* u tilqa' t-talba tar-rikorrenti limitatament għas-somma ta' sebat' elef Ewro.

**Deċide**

Għaldaqstant, għal dawn il-motivi, il-Qorti qed tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti u filwaqt li qed tirriduċi l-quantum tat-talba għas-somma ta' sebat' elef Ewro (€7,000) qed tiddikjara illi l-intimat Massimo Alakkad huwa debitur tar-rikorrenti Nathan John Alakkad fis-somma ta' sebat' elef Ewro (€7,000) u konsegwentement qed tikkundanna lill-istess intimat sabiex iħallas lir-rikorrenti s-somma ta' sebat' elef Ewro (€7,000) bl-imgħax dekorribbli mid-data tal-lum bħala d-data tas-sentenza.

Kopja Informali ta' Sentenza.

L-ispejjeż huma a karigu esklussiv tal-intimat.

**Ft.Dr. Leonard Caruana**
**Maġistrat**

**Sharonne Borg**
**Deputat Reġistratur**